**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 12/23**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 4 ta' Diċembru 2023 |
| **Ħin:** | 5:57pm |
| **Post:** | Kunsill Lokali Sala Mikiel Cachia, Dar iż-Żwieten 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Skużat)<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **12.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **12.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **12.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **12.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **12.12** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **12.06** | **Party tal-Milied;** |
| **12.07** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **12.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **12.09** | **Mozzjonijiet; u** |
| **12.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**12. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ ittri ta' apoloġija ta' Abela Amanda u Baldacchino. | |

**12. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 11/23 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 12. 2 5 | 11.09.06 | Viċi-Sindku - Wirja | Din il-wirja ser titella' fil-foyer tal-Istitut Ġesu' Nazzarenu u l-istess persuna ser itella' wirja is-sena d-dieħla waqt Żejt iż-Żejtun ġewwa ċ-Ċentru tal-Arti u Artiġjanat. | Viċi-Sindku |
| 12. 2 6 | 11.09.03 | Viċi-Sindku - Pantomima | Il-pantomima ser titella bejn is-27 u t-30 ta' Diċembru u ser tkun b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali taż-Żejtun. | Viċi-Sindku |
| 12. 2 7 | 11.03.03 | Viċi-Sindku - Strumenti fi Ġnien il-Qawsalla | Il-Viċi-Sindku qalet li dawn kienu ġew b'fondi mill-Ministeru tal-Onor Dr Owen Bonnici. Is-Sindku żiedet li tal-Esplora għandhom jagħmlu kuntatt magħna biex issir l-inawgurazzjoni. | Viċi-Sindku |
| 12. 2 8 | 11.02.05 | Fenech: Fondi LC Care | Għandha titneħħa plus. | Fenech |
| 12. 2 9 | 11.02.06 | Fenech - CulturALLA | L-event kienet Multiplier u mhux multiplayer | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 2 | 10 | 11.02.17 | Fenech: Rappreżentant mill-Animal Welfare | Ir-Rappreżentant ingħata mir-Reġjun. | Fenech |
| 12. | 2 | 11 | 11.05.03 | Viċi-Sindku: Binja Minżel | Triq taqra Binja Minżel | Viċi-Sindku |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

| **12.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. | 2 | 15 | 11.05.02 | Viċi-Sindku: Problema mill-Maltapost Hub | Il-Viċi-Sindku staqsiet fiex wasalna dwar din il-problema. S'issa ma nbidel xejn u ser inkunu qed nibagħtu tfakkira dwar dan. Ser inkunu qed niktbu lill-Onor Silvio Schembri. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 2 | 16 | 11.05.03 | Viċi-Sindku: Triq Anġlu Grima | Il-Viċi-Sindku stasiet kinx hemm żvilupp dwar dan. Kien hemm qbil li din terġa tmur lura għal kif kienet qabel wara li tiġi approvata minn TM. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 2 | 17 | 11.06.01 | Viċi-Sindku - Vannijiet elettriċi | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-ftehim li hemm fuq il-vannijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li il-proposti lill-Active Ageing u CareMalta Ltd għadhom mhux konklużi. Is-Sindku qalet li t-tieni van wasal ukoll. Għaddej koordinament sabiex jiġi inawgurat l-ewwel vann hekk kif jiġi konkluż il-ftehim mal-Active Ageing. | |
| 12. | 2 | 18 | 11.02.09 | Viċi-Sindku: Triq il-President Anton Buttiġieġ | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar sprall iħabbat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kiteb lill-TM sabiex dan jiġi rranġat. Rigward it-*traffic management* għadna bla risposta. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 2 | 19 | 11.02.05 | Fenech: Problema tal-ħamiem | Fenech qalet dwar din il-problema li m'għandniex soluzzjoni għaliha ser inkunu qed niktbu lill-Ministeru konċernat. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 2 | 20 | 11.02.06 | Fenech: CulturALLA | Fenech qalet li irridu jitqassmu l-*board games* lill-Scouts, Girl Guides, Grupp forward , Wirt iż-Żejtun, iż-żewġ baned kif ukoll l-Aġenzija Żgħażagħ. | Fenech |
| 12. | 2 | 21 | 11.08.02 | Viċi-Sindku: Tiżjin fejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku staqsiet għala din il-parti ma ntramatx. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur inqabad mingħajr ħaddiema u kellu jibda fil-ġranet li ġejjien. | Sindku |
| 12. | 2 | 22 | 11.05.01 | Caruana Ray: Triq tal-Kotob | Caruana staqsa jekk hux se risir id-dawl f'din it-triq. Ser inkunu qed nagħmlu STL forms għal bożoż li hemm eżisteni li ma jixgħelux. L-ERA mhux qed tagħti permess sabiex jitwaħħlu bożoż ġodda f'ODŻ. Wara ssir proposta sabiex jitwaħħlu tlieta ġodda. | Sindku |
| 12. | 2 | 23 | 11.04.03 | Chircop: Numri fi Trejqiet ta' Ganza | Chircop qal li aħna bagħtna ittra lill-kumitat tismija tat-toroq sabiex ma jibqgħux jinbidlu iktar numri. | Chircop |
| 12. | 2 | 24 | 11.09.02 | Chircop: Ktieb | Chircop qal li dan il-ktieb Riflessi miż-Żejtun ġie mniedi u kien hemm serata ħelwa. Chircop irringrazzja lis-Sur Trevor Zahra. | Chircop |
| 12. | 2 | 25 | 11.04.02 | Camilleri: Tabella fi Triq ta' Tavlin | Camilleri staqsiet dwar dan. Is-Sindku talbet li jiġi ndikat il-post eżatt fejn trid titwaħħal. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 2 | 26 | | Camilleri: Ċelebrazzjoni fil-festa liturġika ta' Santa Katarina | Camilleri qalet li waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li saru fl-iskejjel kien hemm l-anzjani li ħadu gost ħafna bil-quddiesa. Ir-residenti tal-Fondazzjoni Nazzareth ma ġewx minħabba l-maltemp. | Camilleri |
| 12. | 2 | 27 | 11.02.10 | Sindku: Clean Up | Is-Sindku qalet li din saret minn Go Green u nġabru mal-24 borża ta' skart fiż-żona ta' Strejnu. | Sindku |
| 12. | 2 | 28 | 11.03.02 | Roundabout fi Triq tal-Barrani | Is-Sindku qalet li għandha titellgħa stqarrija fuq il-midja soċjali dwar dan u li l-Kunsill huwa kontra li jsir dan il-proġett fid-daħla taż-Żejtun. | |

**12 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML12/23. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 3 | 1 | | Sindku: 90 sena anniversarju tal-Għaqda Banda Żejtun | Is-Sindku staqsiet dwar kif għandu jingħata l-memento. Kien hemm qbil li dan għandu jiġi preżentat waqt waħda mill-laqgħat tal-Għaqda. | |
| 12 | 3 | 2 | 20 | Airconditioners - Librerija | Is-Sur Buttiġieġ ippreżenta stima ta' €1400 sabiex dawn jiġu nstallati. Ser jinġabru iktar stima dwar dan ix-xogħol. | |
| 12 | 3 | 3 | 21 | Proġett ta' Slow Streets | Is-Sindku qalet li dawn il-pjanti waslu u qed jiġu analizzati. | |
| 12 | 3 | 4 | 22 | *Unloading Bay* fi Triq Alfred Cachia Zammit | Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil li għandhom jiġu nstallati (wara li jinġab permess minn TM) bollards fi Triq Hector Dalli sabiex jitneħħa l-periklu ta' parkeġġ ħażin. Ser jiġi ssuġerit parkeġġ wieħed bil-ħin u l-un/loading bay u l-kamera tibqa' kif inhi. | |

**12. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 4 | 1 | | Fenech | Fenech irringrazzjat għas-solidarjeta' li urejna magħha fil-mewt tal-kunjata tagħha. | Fenech |
| 12. | 4 | 2 | | Fenech: Ġemellaġġi u proġetti | Fenech qalet tlabna *feedback* dwar il-ġemellaġġ ma' Birzeit. Qalet li llum konna mistednin mis-SEM dwar il-fondi tal-Ewropa u bħala kunsill ġejna mfaħħrin dwar il-proġetti li saru b'fondi ewropej. | Fenech |
| 12. | 4 | 3 | | Caruana Ray: Siġar fi Triq il-25 ta' Novembru | Caruana qal li s-siġar għandhom bżonn żabra malajr kemm jista' jkun. Hemm bżonn żbir ukoll fi Ġnien iċ-Ċriek u Ġiebja Rumana. Is-Sindku qalet li qed nikkordinaw mal-kuntrattur. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 4 | 4 | | Chircop: Kunċert | Chircop qal li intbagħtet ittra lill-għaqdiet sabiex jiġu nominati l-bandisti tas-sena. | Chircop |
| 12. | 4 | 5 | | Chircop: Premju għall-Arti | Chircop qal li ġejna nominati mal-ewwel ħamsa għall-Premju tal-Arti f'isem Il-Manuċċa ttir maż-żmien. Is-Serata ser issir fit-Teatru Manuel. | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12. 4 6 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop issuġerixxa li għal din is-sena biss, din għandha issir f'Marzu minħabba li l-elezzjoni ser tkun qrib wisq sabiex issir f'Lulju. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Chircop |
| 12. 4 7 | | Caruana Roderick | Caruana qal li wasal iż-żmien li nerġgħu nistaqsu dwar it-talba sabiex il-Knisja taż-Żejtun tingħata t-titlu ta' Katidral. | |
| 12. 4 8 | | Fenech: Siġra tal-Milied | Fenech qalet li ser ningħataw siġra sabiex taħtha jiġu mpoġġija r-rigali għal-inizjattiva ta' Lydia Abela sabiex dawn jingħataw lil-tfal foqra. Kien hemm qbil li din issir fil-bini tal-Kunsill. | |

**12. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 5 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**12. 6.** **Party tal-Milied;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha proposta sabiex il-festin din is-sena isir bejn l-erbgħa għaqdiet f'darba, il-Kunsill Lokali, il-Knisja, l-Banda Beland u l-Għaqda Banda Żejtun. Dan ser jgħin sabiex jitnaqsu l-ispejjes u inqas festini. Dwar dan kien hemm qbil. | |

**12. 7.** ***Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;***

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12 7 1 | | Viċi-Sindku: Milied f'Għajnsielem | Ser issir attivita' għal-presepju f'Għawdex. Din ser issir fis-7 ta' Jannar 2024. | Viċi-Sindku |

**12. 8.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 8. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 8. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 12/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 8. 3 | | *Petty Cash* - Novembru 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Novembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €153.97. | Segretarju Eżekuttiv |

**12 12** **Mozzjonijiet; u**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 12 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |

**12 13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

Iffirmata
Maria Dolores Abela

Sindku

Iffirmata
Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv